MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Numru. 412/2008

Il-Pulizija
(Sp Tony Cachia)
vs
Christopher Cachia, iben Carmel, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ awissu, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-7 ta’ ottubru, 2007 għal habta tas-1.30 p.m. fil-fond Block 3, Door A, Flat 6, Housing Estate, Triq Ramija, Siġġiewi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ Stephanie Pace f’perikolu ċar, ikkaġunalha ġrieħi ta’ natura gravi fil-ġisem jew fis-saħħa, skond ma ċċertifikat Dr. Michelle Demajo ta’ Drs Demajo Dental Clinics.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, tipprovdi skond l-artikolu 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali favur Stephanie Pace.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' ġunju, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' ġunju, 2008 fejn il-parte ċivile ħafret lill-imputat li hu l-konviventi tagħha u li għandhom tifel tagħhom it-tnejn.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kodiċi Kriminali. Fiċ-ċirkostanżi ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------